# Il-Pittur Francesco Zahra



**Minn Joseph R. Gatt**

**FRANCESCO ZAHRA** twieled fl-Isla fil-15 ta' Diċembru, 1710 miż-żwieġ ta' Pietro Paolo Zahra u Augustina Casanova u kien l-ewwel wild.

Tawh l-isimjiet ta' Vincenzo Francesco, imma dejjem sejħulu bit-tieni isem Francesco Vincenzo, u dejjem hekk iffirma. Fis-16 ta' Frar tas-sena 1743, ta' 32 sena, iżżewweġ lil Tereża Fenech, bint Francesco u Clara Cachia, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, u għexu dejjem fil-Belt Valletta. Kellhom ħames ulied imma tlieta biss għexu, Prassede, Aurelio u ż-żgħir Aloysio li sar saċerdot, bħaz-ziju tiegħu Beneditt Zahra, fis-17 ta' Settembru, 1774 mill-Isqof Giovanni Carmine Pellicano.



Francesco gawda 'l martu għal tmien snin biss u lanqas ma kellu x-xorti jara l-Ordinazzjoni ( 24/9/1774 ) ta' ibnu Aloysio għax miet erbatax-il xahar qabel fl-23 ta' Settembru, 1773. Mill-arkivju tal-Parroċċa ta' San Pawl tal-Belt nafu wkoll li kellu sitt ħutu, Roża, Madalena, Marija, Feliċ, li kien skultur, u ż-żgħir Benedetto li kien saċerdot.

### X'ħadem għal Bormla

**A.1 Knisja tal-Monasterju ta' Santa Margerita:** Għamel il-kwadru titulari: il-Madonna bil-Bambin ma' Santa Margerita, Santa Tereża ta' Ġesù u San Ġwann tas-Salib. Fir-rokna ta' isfel tal-lemin naraw l-arma tal-Isqof Paolo Alpheran de Bussan li fi żmienu tpitter dan il-kwadru.

2 Il-Kwardu tal-ġenb tal-artal iddedikat lil San Franġisk Saverju.

**B2 Knisja ta' San Pawl:** It-titular tal-konverżjoni ta' San Pawl.

2 Il-martirju ta' Santa Barbara għal wieħed mill-artali tal-ġnub.

**C3 Knisja Parrokkjali:** Iż-żewġ kwadri kbar tal-ġnub tal-Kor.

1 Sant'Anna u San Ġwakkin jifirħu mal-anġli għall-aħbar tat-twelid tal-Madonna.

2 Jurina d-dutturi u l-għorrief tal-Knisja jfaħħru t-twelid tal-Madonna.

### D4 Oratorju tal-Fratellanza tal-Kurċifiss:

1 Il-kwadru titulari tal-inżul ta' Sidna Ġesù Kristu minn fuq is-Salib.

2 Iż-żewġ lunetti, Ġesu Kurċifiss u d-Depożizzjoni ta' Ġesù fil-qabar assistit mill-Madonna, San Ġwann u sħabhom.

3 Il-kwadri tal-Via Sagra huma kollha attribwiti lilu.

### Xi xogħlijiet oħra

**Senglea - Oratorju tal-Kurċifiss:** 4 kwadri kbar tal-Passjoni ta' Ġesù Kristu.

1 Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbuġ.

2 Il-Flaġellazzjoni mal-Kolonna.

3 L-inkurunazzjoni bix-xewk.

4 L-Imgħobbi bis-Salib.

**Bażilika Birkirkara**: It-titular ta' Santa Elena - Eżaltazzjoni tas-Salib.

**Ħaż-Żebbuġ - Parroċċa San Filep**

1 Ordinazzjoni ta' San Filep t'Aġira.

2 Il-mewt ta' San Filep.

**Floriana - Parroċċa San Publiju**

Qalb ta' Ġesù, San Gejtanu u San Kamillu de Lellis.

**Ħal Balzan - Parroċċa Marija Annunzjata**

1 Madonna tal-Karmnu

**Katidral Mdina:**

1 Awla Kapitulari kif ukoll il-Glorja ta' San Pawl.

**Ħal Lija - Parroċċa tas-Salvatur**

1 Anġlu Kustodju

**Kalkara Santa Liberata:**

Santa Liberata - Kapuċċini, Duluri, Kurċifiss.

## Għawdex:

**Belt Victoria - Bażilika San Ġorġ:** Qtugħ ir-ras ta' San Ġorġ.

**Xewkija:** Madonna tar-Rużarju.

## Wirjiet

Kellna dawn il-Wirjiet:

1 1949 - The Madonna in Art in Malta.

2 1960 - Sacred Art in Malta, Pauline Centenary Exhibition.

3 1974 - Forth Sacred Art Week Exhibition.

4 1978 - The Church of St. John in Valletta, 4th. Century of its Consecration.

5 1983 - Marian Art During the Seventeenth and Eighteenth Centuries, Mdina.

